**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Warren Abraham Scicluna**

**Illum, 8 ta' Lulju 2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**"Warren Abraham Scicluna, ID 382369M.**

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-6 t'Awwissu 2021, u fil-granet u x-xhur ta' qabel u wara gewwa residenza 35, Triq ir-Repubblika, Rabat Malta:

1. Minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss tezercita dritt li tipretendi li ghandek, gieghlt bl-awtorita tieghek innifsek lil xi hadd ihallas dejn jew jezegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun fixkilt lil Melanie

Scicluna fil-pussess ta' hwejjigha b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor Kap 9 sec 85 (1)

2. U aktar talli b'ghemil doluz ghamilt xi att li bih il-kunsinna dovuta ta' oggett postali ma hallejtux isir jew giet mdewwma milli ssir Kap 254 sec 62h.

Il-Qorti giet mitluba biex ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew skond ic-cirkostanzi li jikkonforma ruhu mal-ligi, fi zmien, bizzejjed ghal dak il-ghan izda b'ebda kaz iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jigi stabbilit mill-Qorti u dan skond Art. 377(3) u 377(5) tal-Kap. 9.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti l-piena stabbilita' skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-Partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti fil-Qosor**

L-imputat **Warren Abraham Scicluna** jinsab akkuzat illi huwa ma ghaddiex il-posta lill-mara tieghu li rceviet fil-fond mizmum in komun. Prezentament il-partijiet ghaddejjin minn separazzjoni. Mart l-imputat zammet il-Karta tal-Identita taghha fuq l-imsemmi indirizz. Il-posta li giet mizmuma kienet l-ittra kontenenti il-vouchers li l-Gvern hareg lil Melanie Scicluna u li hi tinsisti li qatt ma rceviethom u lanqas gew ritornati l-Posta.

**Provi**

Il-kwerelanta **Melanie Scicluna** xehdet illi l-imputat u hi ghaddejjin minn proceduri illi ilhom ghaddejjin ghal dawn l-ahhar erba' snin. Spjegat illi hija tircievi l-posta taghha fl-imsemmi indirizz, minkejja li fizikament ma tghix hemmhekk. Spjegat li meta iccekkjat ghalfejn ma rcevietx il-vouchers, mit-tracking tal-posta rrizulta li dawn kienu tqassmu fl-indirizz indikat u kien iffirma ghalihom certu Cizek.

Xehed **Vladislav Cizek** illi spjega illi huwa jghix fl-imsemmi indirizz. Spjega li huwa jikri l-fond minn ghand "Warren" li huwa indentifikah bhala l-imputat fl-Awla. Spjega li l-posta li jircievi li ma tkunx mieghu huwa dejjem jghaddiha lill-imputat. Spjega li jiftakar li gieli giet posta li iffirma ghalija u li din ukoll kien ghaddiha lill-imputat.

Ix-xhud **Stanley Mifsud in rapprezentanza tal-Mimcol,** l-agenzija inkarigata mill-imsemmija vouchers, xehed illi l-procedura tal-vouchers tal-Gvern kienet li l-vouchers jintbaghtu l-posta u imbaghad il-posta tibghathom fl-indirizz indikat. Spjega illi skond ir-records taghhom, il-vouchers in kwistjoni kienu tqassmu.Huwa pprezenta zewg dokumenti SM1 u SM2, li juru li l-vouchers ingabru.

Ix-xhud **Marika Cutajar in rapprezentanza tal-Maltapost,** xehdet illi skond ir-records tal-posta l-imsemmija vouchers kienu tqassmu fl-indirizz indikat u kien iffirma ghalihom xi hadd bl-isem ta’ Czek, u dan kif jirrizulta ukoll mid-dokument MC1 u MC2.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-imsemmija provi jirrizulta ghalhekk illi l-vouchers indirizzati lil Melanie Sciberras, intbaghtu fl-indirizz taghha. Hemmhekk ircevihom u iffirma ghalihom x-xhud Cizek, li ddikjara li huwa jikri l-fond minn ghand l-imputat u li kull posta li tigi fl-istess fond u li ma tkunx tieghu huwa dejjem ghaddih lill-imputat. Huwa ftakar ukoll illi huwa kien iffirma ghal xi posta u li din ghaddih wkoll lill-imputat. Hekk giet konfermata wkoll il-firma fuq id-dokument tal-posta MC1.

Illi d-Difiza ssottomettiet illi l-kwerelanta, la ma kinitx tghix fl-imsemmi fond kellha, tiehu passi biex tircievi l-posta taghha hi fejn kienet qed tghix. Ix-xhud spjegat illi hija ko-proprjetarja tal-imsemmi fond u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn tibdel l-indirizz.

Il-Qorti tqis illi l-obbligu kien tal-imputat illi jghaddi l-posta lil min kien intitolat ghaliha jew ghal lanqas jirritorna l-post fl-ufficcju tal-Maltapost sabiex jezimi ruhu minn kull responsabilita. Il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-imputat kien jaf li dak l-envelope, li iffirma ghalih Cizek li kien l-imputat innifsu li krielu l-fond, liema envelope kien f’isem il-kwerelanta kien jikkontjeni l-vouchers li kien qed jaghti l-Gvern, u ghazel li ma jghaddihomlhiex u ghazel ukoll illi ma jirritornahomx il-Posta.

Illi mill-imsemmija provi l-Qorti tqis illi l-akkuzi fil-konfront tal-imputat jirrizultaw pruvati.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 62h tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati u (1) Tikkundanna lill-imputat fuq l-akkuza numru (1) ghal multa ta' elfejn Ewro (€2000), u (2) Tikkundanna lill-imputat fuq l-akkuza numru (2) ghall-multa ta' tlett elef Ewro (€3000).

***(ft)Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur